♦L-Altari Laterali tal-Knisja ta' Lapsi (IV)

# L-Altar ta' Sant'Anna

F'dawn l-aħħar erba' snin dorna dawra mal-erba' altari laterali li għandha l-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan Ospidalier, magħrufa bħala Ta' Lapsi, u wasalna proprju fl-aħħar wieħed, dak iddedikat lill-ġenituri tal-Madonna. Il-kwadru kkatalogat bl-isem *Sant'Anna u San Ġwakkin bil-Madonna Tifla* huwa t-tieni wieħed li għandna tal-artist Salvatore Barbara. L-ieħor hu dak ta' San Ġużepp. Tkellimna diġà dwar dan l-artist, li għex bejn l-1859 u l-1895, fl-artiklu tagħna dwar l-altar ta' San Ġużepp.[1]



Għandna kwadru ieħor influwenzat min-Nazzareni li magħhom tħarreġ l-artist, u għaldaqstant l-attenzjoni hi kollha fuq is-serjetà tal-karattri u n-nuqqas ta' dettalji oħra fil-pajsaġġ li jdawwarhom. Buhagiar 1992[2] isejħilha ikonografija sempliċi u serjetà intelletwali. Omm il-Madonna, li tinsab bil-qiegħda, tidher qed tfisser xi silta mill-Kotba Mqaddsa lit-tfajla Marija, li tinsab għarkupptejha. Iħares fuqhom b'kompożità u serjetà liema bħalha hemm San Ġwakkin, iserraħ fuq għasluġ. Fil-pajsaġġ, li kif għidna huwa wieħed għeri għal kollox mill-elementi li mhumiex meħtieġa, tispikka l-fergħa tad-dielja, li ma tistax tkun għajr simbolu tas-salvazzjoni tal-Bniedem li kellha sseħħ bit-twelid ta' Ġesù, proprju minn din it-tfajla, li hawn tinsab għarkupptejha.

Kif kellna l-okkażjoni ngħidu f'kitbiet oħra, Barbara ma tantx sab min ifaħħar ix-xogħol tiegħu, iżda wieħed irid japprezza hawnhekk 'l-istil sempliċi tiegħu mingħajr ebda pretensjonijiet żejda u s-sens reliġjuż profond li jispira', li 'flimkien joħolqu xogħol li tabilħaqq jolqtok u jsaħħrek.'[3]

Il-kwadru hu żejt fuq it-tila, għandu qies ta' 225cm b'124cm u jġib id-data tal-1895.[4]

## ĦJIEL TA' STORJA

Minbarra l-aspett artistiku tal-kwadru, jinteressana ukoll inkunu nafu xi ħaġa dwar l-istorja tiegħu, u tal-altar li huwa jżejjen. Meta u għaliex sar dan l-altar iddedikat lill-ġenituri tal-Verġni Mbierka? Jidher li dan l-altar għandu storja antika daqs il-knisja nnifisha, jew kważi. Tant li diġà qabel l-1680 l-Isqof Molina waqt il-vista pastorali tiegħu fil-knisja ta' San Ġiljan għamel riferenza għal altar iddedikat lil Ommna Marija, u tissemma ukoll pittura ta' Sant'Anna.[5] Imbagħad fl-1730, l-Isqof Paolo Alpheran de Bussan fil-viżta pastorali li huwa għamel fil-knisja tagħna, barra l-altar ewlieni, jikkummenta dwar żewġ altari laterali, li wieħed minnhom huwa ddedikat lil Sant'Anna.[6] Dan l-altar jerġa' jissemma fiż-żewġ viżti pastorali li saru mill-Isqof Mattei. Fit-tieni viżta huwa sab l-altar imsemmi mneżża' minn kollox. Daqstant ieħor kien l-altar maġġur. Fid-dawl ta' dan huwa kien ordna sospensjoni tal-funzjonijiet kollha.[7] M'għandniex tagħrif dwar kwadri li kienu jżejnu dan l-altar qabel l-1895, nafu biss li dak preżenti bħal ħafna opri oħra fl-istess knisja saru matul il-parrokat qasir iżda sinjifikattiv tal-ewwel kappillan ta' San Ġiljan, Dun Ġużepp Xerri.

Mid-diversi kotba tal-kontijiet, magħrufa bħala *Libro Esito,* li sibna fl-Arkivju, jirriżulta li għal ħafna snin kienet issir il-festa ta' Sant'Anna fil-knisja tagħna. L-altar laterali li tkellimna fuqu kien għalhekk jintrama għall-okkażjoni.[8] Is-Sur Michael Grech, is-sagristan li sal-lum għadu jieħu ħsieb din il-knisja, għadu jiftakar xi ħaġa dwar din il-festa. F'intervista li kienu għamlulu Abela u Papagiorcopulo (2007)[9] huwa kien fakkar 'biss l-altari kellhom il-festa tagħhom ukoll: San Ġużepp, Lapsi, Sant'Anna u l-Madonna tar-Rużarju'. Imbagħad dwar il-festa ta' Sant'Anna kien żied jgħid li '*ta*' Sant'Anna kien hawn xi fundazzjoni żgħira u kienet tkun solenni ħafna peress li kien ikun hawn xi erba' villeġġjanti ta' klassi għolja'. Wieħed jifhem li billi l-festa liturġika ta' Sant'Anna tokkorri lejn l-aħħar ta' Lulju, dan iż-żmien kien ikun fil-qalba tal-perjodu ta' villeġġjatura sajfija. Għalhekk dan seta' qanqal interess fost dawn il-villeġġjanti *sta bene*, kif kienu jsejħulhom dak iż-żmien.

## RIFERENZI


1 L-Annwal tal-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan Ospidalier, 2009, pp. 41-44.
2 BUHAGIAR Mario, "Kwadri tal-Pittura fil-Knejjes tal-Kunċizzjoni u ta' Lapsi" fi FIORINI, Prof. S., 1992, *San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa* 1891-1991, p. 197
3 Ibid.
4 Ibid.
5 PAPAGIORCOPULO, N., 2010, "Tiżjin, Fundazzjonijiet u Tisħieħ ta' Devozzjoni Popolari" fis-sensiela "Ġrajjet il-Knisja ta' San Ġiljan (III)" f' *Lapsi 2010*, p. 37.
6 STORACE, Joseph, E., "Il-Parroċċa l-Qadima" fi FIORINI, Prof. S., 1992, op. cit., p. 124,125
7 Ibid.
8 Ara artiklu ta' Papagiorcopulo f'din l-istess pubblikazzjoni.
9 ABELA G., & PAPAGIORCOPULO N., 2007, "Kelmtejn ma' Kelinu" f' *San Ġiljan 2007*, p. 49.